**Animazzjoni għall-Quddies tal-Ħadd**

Solennità ta' Kristu Sultan tal-Ħolqien Kollu

Sena B

**Introduzzjoni**

Bis-Solennità tal-lum ta' Kristu Sultan tal-Ħolqien kollu, il-Knisja qed tasal fi tmiem ta' sena liturġika tagħha, bl-istqarrija ċara u qawwija li Ġesù Kristu hu ċ-ċentru ta' kollox u li lilu biss aħna nżommu b'Re tagħna.

Nagħtu bidu għal dan is-sagrifiċċju tal-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**Liturġija tal-Kelma**

Ġesù hu Sultan, imma s-saltna tiegħu mhijiex bħal tas-setgħanin tal-art. Dan jgħidu hu nnifsu lil Pilatu fl-interrogatorju li nisimgħu fil-Vanġelu. Is-saltna ta' Kristu, mibnija fuq l-imħabba u l-għotja għall-oħrajn, kif jgħidilna l-Qari, hi waħda li ma tinqeridx maż-żmien, u d-destinazzjoni tagħha hija l-Ġenna.

Għas-Salm Responsorjali: *Il-Mulej isaltan; il-kobor libes!*

**Offertorju**

Il-mument tal-Offertorju jfakkarna kull darba li l-Mulej Ġesù mid-doni ċkejkna u fqajra tagħna kapaċi jagħmel l-isbaħ offerta lil Alla l-Missier. Illum ejjew noffrulu l-istqarrija umli tagħna li hu s-Sultan waħdieni ta' qlubna.

Inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

F'din l-Ikla tal-Għid, il-Quddiesa, festa li aħna niċċelebraw flimkien bħala komunità kull ta' nhar ta' Ħadd, is-Sultan tagħna joffrilna ġismu u demmu biex isaħħaħna bihom. Huwa Sultan veru għax isir il-qaddej ta' kulħadd.
Bi gratitudni nlissnulu l-'Amen' tagħna xħin niġu biex nirċevuh, bħala stqarrija tal-fidi u l-imħabba tagħna.